MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 952/1994/1

**Giovanna Muscat sew proprju kif ukoll bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Charlene, Jeffrey u Sacha**

**vs**

**Joseph Muscat**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Fl-20 ta' Lulju, 1994, l-attrici ipprezentat citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri

Charlene, Jeffrey u Sacha, fejn wara li ghamlet diversi premessi talbet li dik il-Qorti:
1. tiddeciedi li l-konvenut irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' adulterju, minacci, sevizzi, eccessi u ingurji gravi, kif ukoll li z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment u konsegwentement tigi pronunzjata s-separazzjoni *a meno et toro* bejn il-kontendenti ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut u subordinatament, li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment;

2. tordna li l-kura u kustodja tat-tfal minuri Charlene, Jeffrey u Sacha tigi fdata f'idejn l-attrici ommhom;

3. tordna lill-konvenut jigi ikkundannat li jissomministra lill-attrici, ghaliha u l-imsemmija uliedha, dik ir-retta alimentarja li tigi iffissata mill-Qorti bil-modalitajiet li hija tiffissa;

4. tordna li l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti tigi dikjarata xolta, likwidata u diviza u assenjata lil kull wiehed mill-kontendenti skond dak il-proporzjon li jigi determinat mill-Qorti, u dan okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

5. tordna li jigu nominati kuraturi deputati biex jidhru fuq l-att opportun ta' divizjoni biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci u nutar pubbliku biex jippubblika u jircievi l-att opportun;

6. u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu jew dawk minnu kif provdut fl-Artikolu 39, 40, 48, 50, 51 u 52 tal-Kodici Civili, jew dawk minnhom li dik il-Qorti jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi skond il-htijiet tieghu; bl-ispejjez.

2. Il-konvenut eccepixxa fl-ewwel lok li l-pretensjonijiet ta' l-attrici kienu infondati fil-fatti u fid-dritt kif ukoll li t-talbiet taghha kellhom jigu michuda bl-ispejjez stante li dak li allegat l-attrici huwa falz u inveritier u fit-tieni lok illi jekk iz-zewg bejn il-partijiet tkisser irremidjabilment dan huwa imputabbli unikament lill-attrici.

3. Il-provi li tressqu fil-kawza gew migbura mill-perit legali avukat Dr Edgar Depasquale, li fir-relazzjoni verament studjata u dettaljatissima tieghu li tinsab a fol. 90 sa 119 tal-process ha in konsiderazzjoni wkoll il-konkluzjonijiet taz-zewg periti l-ohra nominati mill-ewwel Onorabbli Qorti, u cioe`, l-psikologu Dr. Victor Shields, ara fol. 75 sa 89 ta' l-atti, kif ukoll l-arkitett u l-inginier civili Albert Fenech (ara relazzjoni tieghu minn pagna 120 sa 127 tal-process).

4. L-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet il-kawza fil-11 ta' Jannar, 1999. Il-Qorti irrimarkat li kienet tikkondividi pjenament il-konkluzjonijiet milhuqa mill-imsemmi perit legali Dr. Edgar Depasquale, kemm ghal dawk li huma l-fatti li irrizultaw u l-konkluzjonijet legali li wiehed ghandu jigbed minn dawk il-fatti, kif ukoll ghal dawk li huma s-suggerimenti ta' l-imsemmi perit dwar kif il-Qorti kellha tiddisponi mit-talbiet attrici. Biex tevita repetezzjoni u telf ta' zmien, l-ewwel Qorti ordnat li kopja ta' l-imsemmija relazzjoni tigi annessa mas-sentenza taghha sabiex tifforma parti integrali minnha billi dik il-Qorti adottat u ghamlet taghha l-paragrafi 6 sa 29 ta' l-istess relazzjoni salv zewg modifikazzjonijiet zghar li gew specifikati fl-istess sentenza. Dawn il-modifikazzjonijiet kienu jikkoncernaw fl-ewwel lok il-modalita` ta' l-access tal-missier lejn il-minuri u fit-tieni lok dwar it-talba ta' l-attrici ghall-manteniment.

5. Id-dispozittiv tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti jaqra testwalment hekk:

"Ghall-motivi premessi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

1. tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament kif gej, u cioe` billi tiddikjara li l-konvenut irrenda ruhu hati veru l-attrici ta' minacci, servizzji, eccessi u ingurji gravi u konsegwentement tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 35(1) tal-Kodici Civili minhabba l-imsemmija tortijiet imputabbli lill-konvenut.

2.  tilqa’ t-tieni talba attrici u konsegwentement tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti, cioe` ta’ Charlene, Jeffrey u Sacha, lill-attrici b’dan li l-konvenut ikollu access ghall-imsemmija tfal bil-mod segwenti:  (i) meta t-fal (jew min minnhom) ikollhom l-iskola, kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn is-7.00 pm u t-8.00pm u kull nhar ta’ Hadd bejn l-10.00 am sas-1.00 pm;  (ii)  meta ma jkollhomx skola, kuljum bejn is-7.00pm u t-8.00 pm, u nhar ta’ Hadd bejn l-10.00 am sal-4.00 pm.;

3.  tipprovdi dwar it-tielet talba attrici billi, fin-nuqqas ta’ provi dwar il-mezzi u l-bzonnijiet tal-partijiet, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-istess talba;

4.  tilqa’ r-raba’ talba attrici u konsegwentement (i) tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mill-jum li fih din is-sentenza tkun finali u konkluziva, u inoltre (ii)  tillikwida l-istess komunjoni fis-somma ta’ hmistax-il elf u hames mitt lira (Lm15,500.00,0) bhala attiv u elfejn sitt mija u tmienja u sittin lira hamsa u erbghin centezmu u sitt millezmi (Lm2,668.45,6) bhala passiv in kwantu jikkostitwixxi kreditu favur l-attrici, (iii) tiddividi l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet wahda ta’ disat elef u erbgha u tmenin lira tnejn u ghoxrin centezmu u tmien millezmi (Lm9,084.22,8) u l-ohra ta’ sitt elef u erba’ mija u hmistax-il lira sebgha u sebghin centezmu u zewg millezmi (Lm6,415.77,2) u tassenja l-imsemmija porzjoni ta’ Lm9,084.22,8 lill-attrici u l-imsemmija porzjoni ta’ Lm6,415.77,2 lill-konvenut filwaqt li tiddikjara li stante li l-assi tal-komunjoni jinsabu investiti fil-proprjeta` tal-konvenut, il-konvenut jinsab sodisfatt mis-somma dovuta lilu u l-attrici hija kreditrici tal-konvenut fl-imsemmija somma ta’ Lm9,084.22,8;

5.  tichad il-hames talba attrici;

6.  tilqa’ s-sitt talba attrici limitatament fis-sens illi tiddikjara illi l-konvenut tilef (a) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikolu 631, 633, 633A, 825, 826, u 827 tal-Kodici Civili, (b) dak kollu li seta’ kiseb minghand l-attrici b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu, liema hwejjeg hekk miksuba l-konvenut huwa kkundannat

li jirritorna lill-attrici, (c) kull jedd tieghu ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara l-1 ta' Mejju, 1985, liema akkwisti hekk maghmula jibqghu ghall-attrici, u (d) il-jedd li jgieghel lill-attrici f'kull kaz, li taghtih il-manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk quddiem is-Sekond Awla u dawk konnessi mar-rikors ta' l-attrici maghmul fl-20 ta' Lulju, 1994, skond l-allura Artikolu 470A tal-Kap. 12, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut."

6. Billi l-konkluzjonijiet li wasslet ghalihom l-ewwel Onorabbli Qorti u li jinsabu elenkati fil-paragrafu precedenti huma tista' tghid kollha kemm huma bazati fuq il-motivazzjoni kontenuta fir-relazzjoni ta' l-abbli perit legali avukat Dr. Edgar Depasquale, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, qeghdha tordna li kopja ta' din ir-relazzjoni tigi annessa bhala appendici ma' din is-sentenza wkoll biex tifforma parti integrali minnha.

**<u>II L-APPELL</u>**

7. L-attrici hassitha aggravata minn din is-sentenza u b'rikors ta' l-appell ipprezentat f'isimha u f'isem l-imsemmija tlett uliedha, hija ressqet zewg lanjanzi kontra l-istess sentenza u testwalment talbet hekk:

"Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar, 1999, fl-ismijiet premessi f'dak fejn iddecidiet fuq il-htija tal-konvenut li wassal ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet (paragrafu 1 tad-decide tas-sentenza appellata), fuq id-decide dwar il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Charlene, Jeffrey u Sacha, (paragrafu 2 tad-decide tas-sentenza appellata) dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti (paragrafu 4 tad-decide tas-sentenza appellata) u anke dawk id-dikjarazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti fil-paragrafu numru 6 tad-decide tas-sentenza appellata, u tirriforma s-sentenza appellata u dana billi (a) tikundanna lill-konvenut appellat jissomministra lill-appellanti, ghaliha u ghall-imsemmija uliedha, dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata

minn din il-Qorti u bil-modilitajiet hekk ukoll iffissati, u (b) tiddikjara u taghti d-dritt lill-appellanti sabiex flimkien mat-tlett itfal minuri hija tabita u tghix fid-dar konjugali u jigifieri tal-fond "Meadow View, R. Caruana Dingli, Street, San Gwann. Bl-ispejjez taz-zewg istanti kontra l-konvenut."

8. Il-konvenut Joseph Muscat appellat, baqa' ma pprezenta l-ebda risposta ghar-rikors ta' l-appell ta' l-attrici. Madanakollu huwa xorta wahda ikkontesta l-appell kif jirrizulta min-noti ta' sottomissjonijiet li huwa ipprezenta rispettivament fil-25 ta' Mejju 2004, u fil-5 ta' Lulju, 2004.

9. Billi din il-kawza damet diversi snin quddiem din il-Qorti diversament preseduta u komposta, din il-Qorti kif issa preseduta u komposta hasset il-htiega li l-partijiet jaggornawha bil-fatti tal-kawza. Ghalhekk fl-ewwel udjenza li zammet din il-Qorti kif issa komposta u preseduta, cioe` fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2003, hija iffissat termini biex il-partijiet jissottomettu noti biex jaggornawha bl-istess fatti. Il-Qorti ikkoncediet diversi differimenti lid-difensuri tal-partijiet biex huma jkunu jistghu jissottomettu l-imsemmija noti, u wara li dawn gew debitament prezentati din il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2004 u dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

10. Fir-rikors ta' l-appell taghha, l-attrici proprio et nomine ressqet zewg aggravji biss fil-konfront tas-sentenza appellata, liema aggravji issa sejrin jigu investigati u decizi. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti jaqra testwalment hekk:

"illi l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi "*ma ngabux provi bizzejjed biex il-Qorti tistabilixxi l-quantum ta' dan il-manteniment u minhabba f'hekk "tastjeni" ghall-finijiet ta' dan il-gudizzju milli tipprovdi dwar l-istess talba.*" L-esponenti bir-rispett tissottometti illi hija resqet bizzejjed provi dwar l-income u dak li jippossjedi l-konvenut, u anke dwar il-bzonnijiet taghha u tat-tfal biex il-Qorti tkun tista` tiffissa l-manteniment skond il-ligi. Tant hu hekk illi l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili setghet tasal ghal

ammonti precizi fuq il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti. L-esponenti bir-rispett tissottometti illi gew prezentati dawk il-provi kollha li hija ghandha ghad-dispozizzjoni taghha specjalment in vista tac-cirkostanzi li tinsab fihom u meta ukoll in vista li r-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret irremedjabbilment.”

11. L-appellat wiegeb testwalment hekk ghal dan l-aggravju ta’ l-appellanti, liema silta qeghda tittiehed min-Nota ta’ Sottomissjonijiet li tinsab a fol. 214 tal-process:

“…. illi l-ewwel Qorti kienet gusta fis-sentenza taghha meta astjeniet milli tipprovdi dwar manteniment. Kien jispetta lill-appellanti li tipprova l-introjtu ta’ l-appellat li minnu hija tippretendi li ghandu jhallas manteniment. Dan naqset li taghmlu. Ghalkemm tefghet allegazzjoni li hu jahdem ma huha naqset li tipproduci lil huha sabiex jixhed dwar dan. Pero` illum il-gurnata l-esponent umilment jissottometti illi apparti dan kollu, iktar u iktar ma ghandux ikun hemm kundanna ta’ manteniment ghas-segwenti ragunijiet:

Illi fl-ewwel lok it-tfal, li fiz-zmien meta bdiet il-kawza kienu kollha minorenni u ta’ eta` zghira ossia ghaxar snin, disa’ snin u sentejn, illum il-gurnata ghandhom ghoxrin, dsatax u tnax. Kwindi tnejn minnhom huma ormai maggorenni. Isegwi ghalhekk illi jekk qabel l-appellanti kienet imxekkla milli tohrog tahdem minhabba l-kura u t-trobbija tat-tfal, illum dan x-xkiel m’ghadux hemm. Hija l-ligi stess li tipprovdi illi wahda mic-cirkostanzi li ghandhom jitqiesu meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi tordnax manteniment huwa proprju l-possibilita` tal-parti li qed titlob manteniment li tahdem u tmantni lilha nnifisha.

Illi fit-tieni lok, issir referenza ghax-xhieda ta’ l-appellanti fejn xehdet illi l-appellat kien ibiddel ix-xoghol ta’ sikwit u li ma kienx serju fix-xoghol tieghu. Xehdet ukoll li kien ikun hu li jitlobha l-flus. In vista` ta’ din ix-xhieda kienet iktar u iktar gusta l-ewwel sentenza peress illi mhux talli l-appellanti ma rnexxilhiex tipprova l-introjtu ta’ l-appellat pero` kienet l-appellanti stess illi ddeskriviet lill-appellat bhala bniedem li ma jkollux introjtu fiss.”

12. Bin-nota ta’ l-appellanti a fol. 208 tal-process, hija ippretendiet li hija kellha kreditu kontra l-konvenut ghall-manteniment b’mod li l-komunjoni ta’ l-akkwisti kellha tigi likwidata biex tiehu kont ta’ dan il-kreditu ghall-manteniment. Hija illikwidat l-ammont in kwistjoni fis-somma ta’ hdax-il elf erbgha u sebghin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm11,074.86,0) intiz kont zewg sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datati 9 ta’ Gunju, 1999 u tal-5 ta’ Dicembru, 2000 rispettivament, kif ukoll skond digriet li d-data tieghu ma gietx specifikata u li ghalhekk il-kalkulazzjoni ta’ l-appellanti kienet tkopri l-perjodu mit-2 ta’ Gunju 1999 sad-data meta ghamlet l-istess Nota ta’ Sottomissjonijiet.

13. L-appellat sostna fin-nota tieghu ipprezentata fil-5 ta’ Lulju, 2004 li l-figuri li semmiet l-attrici dwar il-manteniment ghandhom jigu injorati ghaliex dwarhom dawn jew hemm diga` *res judicata* b’sentenzi ohra tal-Qorti jew inkella ma ghandhomx jithallsu ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza appellata kif ukoll fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet precedenti ta’ l-appellat.

14. Biex tiddeciedi din il-kwistjoni tal-manteniment il-Qorti qieset, fost cirkostanzi ohra, is-segwenti:
(a) li *pendente lite* l-appellat kien obbligat li jhallas lill-martu bis-sahha ta’ digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili Sekond Awla fis-7 ta’ Lulju 1994, is-somma ta’ tletin Lira Maltin fil-gimgha (Lm30.00,0) u cioe` is-somma ta’ ghaxar Liri Maltin (Lm10.00,0) ta’ manteniment ghall-attrici u s-somma ta’ ghoxrin Lira Maltin (Lm20.00,0) ghall-manteniment ta’ tliet minuri. Kopja ta’ dan id-digriet tinsab a fol. 5 tal-process.

(b) A fol. 52 tal-process hemm rikors ipprezentat mill-konvenut Joseph Muscat fil-11 ta’ Jannar, 1996. Il-konvenut appellat gab a konjizzjoni tal-Qorti li minn mindu kien inghata d-digriet ta’ l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili, ic-cirkostanzi kienu tbiddlu minhabba li huwa ma baqax jahdem u ilu ma jahdem minn Awissu 1994. Hu kien qieghed jaqla’ biss tnejn u ghoxrin lira u disgha u

ghoxrin centezmu (Lm22.29,0) fil-gimgha bhala ghajnuna socjali. Huwa irrimarka wkoll li martu qeghdha tithallas ghajnuna socjali fl-ammont ta' mija u hames Liri Maltin (Lm105.00,0) fix-xahar, kif ukoll gieli tahdem minflok hutha billi tmur tahsel id-djar. Ghalhekk huwa talab lill-ewwel Onorabbli Qorti joghgobha tvarja d-digriet ta' l-Onorabbli Sekond Awla tas-7 ta' Lulju, 1994, taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa. Jirrizulta li din it-talba tal-konvenut giet michuda mill-ewwel Onorabbli Qorti b'digriet moghti fis-seduta tas-7 ta' Frar 1996, (ara fol. 56 tal-process). Meta nghatat din id-decizjoni, ma jidhirx li l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-mertu proprju tar-rikors tal-konvenut, li gie michud precizament ghar-raguni li r-rapport tal-perit legali kien jinsab fi stadju avanzat.

(c) L-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu irrakkomanda lill-ewwel Onorabbli Qorti biex tichad it-tielet talba ta' l-attrici, ghaliex nonostante l-fatt li l-konvenut kien obbligat ihallas dak il-manteniment li l-attrici kif ukoll uliedha jkollhom bzonn, l-assenza ta' provi sufficjenti kienet tipprekludi lill-perit legali milli jistabilixxi il-*quantum* gust tal-manteniment.

(d) Jidher li l-ewwel Onorabbli Qorti ghalkemm qablet ma' l-abbli perit legali li l-attrici ma gabitx provi sufficjenti biex tiggustifika t-talba taghha ghal manteniment, minflok ma cahdet it-tielet talba ta' l-attrici, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha billi irragunat hekk:

"<u>dwar il-manteniment</u>: kif tajjeb osserva l-perit legali fil-paragrafu 16 tar-relazzjoni tieghu, l-attrici ma gabet ebda prova sodisfacenti dwar l-*income* tal-konvenut, l-*income* taghha, u l-bzonnijiet taghha u tat-tfal biex din il-Qorti tkun tista' tiffissa l-manteniment skond il-ligi u senjatament skond l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili. B'dana kollu, il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha "tichad" it-tielet talba attrici, kif jissuggerixxi l-istess perit fil-paragrafu 29. Il-Qorti hi tal-fehma li, sabiex l-attrici u uliedha ma jigux pregudikati, ghandha tiddikjara li ma ngabux provi bizzejjed biex il-Qorti tistabilixxi l-*quantum* ta' dan il-manteniment u minhabba f'hekk "tastjeni" ghall-finijiet ta' dan il-gudizzju milli tipprovdi dwar l-istess talba."

(e) Illi fil-mori ta’ l-appell, tnejn mill-ulied tal-kontendenti ezattament Charlene u Jeffrey saru maggorenni, u ghalhekk fil-konfront ta’ dawn iz-zewgt ulied din il-Qorti ma tistax tipprovdi fuq it-talba originali ta’ l-attrici dwar il-kura u l-kustodja kif ukoll ghall-manteniment, billi dawn iz-zewg ulied illum ghandhom l-eta` taghhom. Madanakollu t-tifla Sacha illum ghadha minorenni u x’aktarx li ghandha cirka hdax-il sena. Il-Qorti “qeghdha tghid cirka” ghaliex l-attrici injorat id-digriet ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti moghti fil-15 ta’ Settembru, 1994 biex l-attrici tesebixxi c-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti kif ukoll ic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

(f) Jirrizulta mill-atti (ara fol. 208 u 209 tal-process) illi l-attrici appellanti bdiet tahdem fl-1 ta’ Settembru 2000, u hija imitat l-operat tal-konvenut appellat billi hija wkoll naqset li tiddikjara l-ammont tal-qligh taghha.

(g) Mill-atti akkwiziti tal-process jidher li l-piz tat-trobbija u l-manteniment ta’ l-ulied tal-kontendenti waqa’ principalment fuq spallejn l-attrici. Jidher ukoll li l-appellat serjament ittraskura d-dover tieghu li jmantni lil uliedu u b’dan l-operat tieghu huwa naqas minn dover sagrosant ta’ kwalunkwe genitur. Din il-Qorti tapprezza li ghal diversi ragunijiet ovvji, bosta drabi parti wahda taz-zwieg issibha verament difficli li tressaq provi dwar il-konsistenza vera ta’ l-introjtu tal-parti l-ohra taz-zwieg. Bosta drabi din l-ahhar imsemmija parti tibqa’ semplicement passiva biex b’hekk minghalija tipprova tevita li tesegwixxi d-dover taghha li tmantni l-ulied. Din il-Qorti kif issa komposta jidhrilha li f’cirkostanzi bhal dawn, dik il-Qorti li tkun mitluba li tiffissa manteniment ghall-ulied, ghandha zzomm quddiem ghajnejha l-ahjar interessi ta’ l-istess ulied u ghandha tirreagixxi biex dawn l-istess ulied ma jkollhomx id-drittijiet taghhom pregudikati. Din il-Qorti jidhrilha li f’cirkostanzi bhal dawn, jekk il-parti li tkun obbligata li tissoministra manteniment lil ulied, ma ggibx hija stess provi plawsibbli u versomili li jissodisfaw lill-Qorti li hija verament tinsab impeduta milli taqdi d-dover li tmantni lil uliedha, allura l-Qorti ma ghandhiex tezita tuza id-diskrezzjoni li l-ligi taghtiha biex tiffissa hija

stess il-manteniment *arbitrio buono viri* kif ukoll b'mod ekwu u gust.

15. A bazi ta' dawn il-motivazzjonijiet, l-ewwel aggravju ta' l-appellanti jidher li huwa in parti gustifikat u ghalhekk sejjer jintlaqa'. Dan fis-sens li t-talba ghall-manteniment ghall-ulied Charlene u Jeffrey, illum l-gurnata ma tistax tintlaqa' billi dawn saru maggorenni, kif ukoll it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici proprju llum m'hemmx lok li tintlaqa' billi jirrizulta li hija tahdem. Madanakollu t-talba ta' l-attrici ghall-manteniment tal-minuri Sacha ghandha tintlaqa' billi l-konvenut appellat ghandu jigi ikkundannat li jhallas lill-attrici appellanti s-somma ta' sittin Lira Maltin (Lm60.00,0) fix-xahar bhala manteniment fissat *arbitrio buono viri* fil-konfront tal-minuri Sacha, sakemm din it-tifla ssir maggorenni jew sakemm hija tibda tahdem.

16. Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkonsidra t-tieni aggravju li l-appellanti ressqet fir-rikors ta' l-appell taghha. Dan l-aggravju jaqra testwalment hekk:
"illi l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ma iddecidietx fuq id-dar matrimonjali u ghalhekk sal-lum l-esponenti flimkien ma tliet tfal minuri qeghda tabita f'kamra li missierha offrielha mid-dar tieghu u dan qeghda taghmlu biss bi pjacir ta' missierha. L-esponenti bir-rispett tinnota illi filwaqt li l-ewwel Qorti gustament waslet ghall-konkluzjoni li l-konvenut huwa hati ta' agir li wassal ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet naqset li tapprezza c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-effetti negattivi li tali cirkostanzi qeghdin igibu fuq l-esponenti u t-tfal minuri tal-partijiet. Dan ghaliex filwaqt li l-esponenti u t-tlett itfal qeghdin jithallew jabitaw f'kamra wahda f'dar li mhix taghhom u li qeghdin fiha biss bil-pjacir ta' missier l-attrici, il-konvenut appellat qieghed jithalla jghix wahdu u jgawdi dar shiha."

17. L-appellat ikkumbatta dan l-aggravju billi irrimarka testwalment hekk:
"Fl-ewwel, ghandu jinghad mill-ewwel illi fic-citazzjoni l-appellanti ma ghamlitx talba sabiex tithalla tghix fid-dar matrimonjali nonostante li din hija parafernali tar-ragel.

Kwindi issa f'dan l-istadju l-appellanti qed tressaq bhala aggravju allegazzjoni li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra din it-talba taghha meta din it-talba qatt ma saret. Ghalhekk m'huwiex minnu dak allegat mill-appellanti, cioe` illi l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi dwar id-dar matrimonjali. Fil-fatt iddecidiet dwar din id-dar. Iddecidiet illi hija parafernali u tat kreditu kif misthoqq lill-appellanti. Kwindi dan l-aggravju ghandu jigi michud ukoll."

18. Id-dar matrimonjali jisimha "Meadow View" Triq R Caruana Dingli, San Gwann. Tidher li din hija dar imdaqqsa u jirrizulta li l-attrici u uliedha kellhom johorgu minn din id-dar ghaxar snin ilu. Jirrizulta li l-appellat kien kuntent li jibqa' jgawdi din id-dar wahdu u ma ddejjaq xejn jara lil martu u uliedu jghixu u jitrabbew fis-sikkatura li l-appellanti iddeskriviet fil-aggravju taghha li jinsab riportat fil-paragrafu 16 ta' din is-sentenza. Din il-Qorti naturalment ma tistax ma tissimpatizzax ma' l-attrici ghat-tbatija li din ic-cirkostanza gabet kemm fuqha u kemm aktar u aktar fuq uliedha. Madanakollu, l-appellanti jidher li naqqset li tipprova tissalvagwardja d-drittijiet taghha u ta' uliedha meta hija ma talbitx lill-Qorti li taghti r-rimedju skond l-Artikolu 46 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jaqra hekk:
"Fiz-zmien li tkun miexja l-kawza tal-firda, kull wahda mill-partijiet, sew jekk attrici jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taz-zwieg u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taz-zwieg u sew jew jekk le, titlob lill-Qorti biex tiddeciedi liema wahda mill-partijiet ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja dik il-kawza." (sottolinear tal-Qorti)

Jirrizulta li l-attrici appellanti qatt ma ghamlet quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti talba fis-sens ta' dan l-Artikolu 46, u ghalhekk dik il-Qorti ma kienitx skorretta meta fis-sentenza taghha hija ma tat l-ebda decizjoni fit-termini ta' l-imsemmi Artikolu 46 tal-Kodici Civili.

19. Jirrizulta ghalhekk li l-attrici intavolat it-talba taghha biex hija u uliedha jokkupaw id-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut l-ewwel darba meta intavolat ir-

rikors ta’ l-appell taghha fid-29 ta’ Jannar, 1999. Kienet tkun ferm aktar korretta l-appellanti li kieku din it-talba resqitha quddiem l-ewwel Qorti sabiex anke fuq din il-kwistjoni din il-Qorti ta’ l-Appell tkun tista’ verament tagixxi bhala Qorti ta’ revizjoni. Apparti allura l-kwistjoni jekk l-appellanti setghetx tqajjem l-ewwel darba din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti, din il-Qorti jidhrilha li fl-istadju inoltrat tal-kawza m’huwiex opportun li hija tiddisturba l-*istatus quo* li jezisti bejn il-kontendenti. Il-Qorti wasslet ghal din il-konkluzjoni wara li ikkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u senjatament is-segwenti:
(a) jirrizulta li llum l-attrici appellanti ma ghadhiex tghix fid-dar ta’ missierha izda kriet post ghal rasha biex hija tkun tista’ tghix fih flimkien ma uliedha. Naturalment dan setghet taghmlu ghaliex kif diga` ntqal hija bdiet tahdem u ghalhekk setghet thallas il-kera relattiva tad-dar li kriet.

(b) jirrizulta li din id-dar matrimonjali ta’ San Gwann tifforma l-uniku attiv tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti. B’din il-kawza l-attrici qeghdha titlob ix-xoljiment, il-likwidazzjoni, id-divizjoni ta’ l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti, u biex dan ikun jista’ jsehh, jidher car li d-dar matrimonjali jkollha tinbiegh, *inter alia*, biex jigu sodisfatti l-krediti ta’ l-attrici appellanti, kemm dawk rizultanti mis-sentenza appellata u kemm ukoll dawk li nghataw sussegwentement u li hemm accenn ghalihom a fol. 208 tal-process, kif ukoll xi krediti ohra ta’ terzi persuni li wkoll hemm accenn ghalihom fl-istess nota a fol. 208 tal-process. Ovvjament din il-Qorti ma tistax minghajr talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni tordna l-bejgh in subbasta tad-dar matrimonjali. Talba simili tista’ ovvjament issir mill-attrici appellanti biex titlob ezekuzzjoni ta’ din is-sentenza, apparti d-dritt taghha li titlob l-ezekuzzjoni tas-sentenzi li ssemmew aktar qabel. Konsegwentement dan it-tieni aggravju ta’ l-appellanti certament ma jistax jintlaqa’ f’dan l-istadju inoltrat tal-kawza.

20. Fl-imsemmija nota a fol. 208 tal-process l-appellanti spjegat u wriet kif hija tippretendi li ghandha tigi likwidata l-komunjoni ta’ l-akkwisti u l-krediti minnha pretizi. In succint hija tippretendi li ghandha kreditu l-ammont

komplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf tmien mija u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm23,838.00,0) li sostanzjalment huwa maghmul mis-segwenti erba' parti:
(a) kreditu li hija tikkalkola fis-somma ta' hdax-il elf lira u erbgha u sebghin Lira (Lm11,074.00,0) konsestenti f'*sorte* u spejjez ta' zewg sentenzi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, rispettivament fid-9 ta' Gunju, 1999, u fil-5 ta' Dicembru, 2000, kif ukoll is-somma ta' tlett elef sitt mija u erbgha u tmenin lira (Lm3,684.00,0) allegatament dovuta skond digriet mit-2 ta' Gunju, 1999. Dawn l-ammonti l-attrici tippretendi li huma dovuti ghall-manteniment li l-konvenut appellat ghandu jhallasha.

(b) kreditu ta' terz, ezattament Anton Camilleri ta' disa' mitt Lira Maltin (Lm900.00,0) oltre l-ispejjez u l-imghaxijiet skond sentenza esebita. Dan huwa kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti.

(c) kreditu ta' l-attrici li hija tikkalkola fis-somma ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500.00,0) ghall-ghamara li kien hemm fid-dar matrimonjali u li l-attrici tghid li s-sentenza appellata assenjat lilha.

(d) kreditu kalkolat fis-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000.00,0) li l-attrici tippretendi ghall-manteniment futur tal-minuri Sacha.

21. L-appellat ikkontesta dawn il-pretensjonijiet kollha ta' l-attrici. Fin-nota tieghu tal-5 ta' Lulju, 2004, huwa qal hekk:
"Illi ghandu jinghad mill-ewwel li l-appellanti qed tipprova tizvija. L-aggravji taghha huma tnejn, dwar manteniment u qed tippretendi li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali. Fin-nota taghha pero`, l-attrici tipprova terga' tiftah l-argumenti dwar kif l-ewwel Qorti illikwidat l-komunjoni ta' l-akkwisti minghajr m'hemm aggravju dwar dan."

22. Din il-Qorti ma tistax ma tikkondividix din is-sottomissjoni ta' l-appellat. Ir-rikors ta' l-appell ma fih l-ebda aggravju dwar il-mod kif is-sentenza appellata illikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti. Hija haga evidenti li l-

appellanti qeghdha tipprova titlob lil din il-Qorti li tiftah mill-gdid il-kwistjoni kollha tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Dan difficilment tista' taghmlu din il-Qorti tar-revizjoni, ghaliex normalment din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li tuza l-ewwel Qorti *a meno che* ma jkunx hemm ragunijiet gravissimi li jiggustifikaw li taghmel dan. Wisq inqas din il-Qorti ghandha tikkonsidra f'dan l-istadju din it-talba ta' l-appellanti specjalment in vista li hija ma ressqet l-ebda aggravju fir-rikors ta' l-appell fuq din il-kwistjoni. Ghall-kompletezza din il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza wkoll ghall-imsemmija nota ta' l-appellat tal-5 ta' Lulju, 2004 fejn huwa jikkummenta fuq il-pretensjoni ta' l-appellanti dwar il-kreditu dovut lil Anton Camilleri, u taghmel referenza wkoll ghan-nota ta' l-istess appellat prezentata fil-25 ta' Mejju 2004, fejn *inter alia* huwa jikkummenta hekk:

"L-appellanti ressqet, bhala pretenzjoni, manteniment skond zewg sentenzi wahda tad-9 ta' Gunju 1999 u ohra tal-5 ta' Dicembru 2000. Pero` bir-rispett kollu l-esponent jissottometti illi dawn is-sentenzi diga` jikkostitwixxu res gudikata bejn il-partijiet. Kwindi l-mertu taghhom m'ghandux jerga' jigi kkunsidrat b'din is-sentenza. Altrementi l-appellanti jkollha dritt tezegwihom darbtjen.

Dwar l-'item' intitolat "manteniment dovut skond digriet mit-2 ta' Gunju 1999 sa llum" jigi rilevat illi l-esponent dejjem hallas skond dak id-digriet u kwindi m'hemm l-ebda arretrati. Inoltre dan il-manteniment pretiz huwa gia` l-mertu ta' zewg sentenzi msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan.

Illi dwar is-sentenza msemmija mill-appellanti fejn qed jinghad illi l-komunjoni ta' l-akkwisti hija debitrici versu Anton Camilleri fis-somma ta' disa' mitt lira Maltin oltre mghax u spejjez, fl-ewwel lok jinghad illi din is-sentenza giet deciza qabel ma nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u se mai l-appellanti messha ressqietha bhala prova qabel dik is-sentenza.

Illi finalment, l-ahhar sottomissjoni tirrigwarda dak mtenni mill-appellanti fin-nota tas-27 ta' Frar, 2004, dwar il-mobbli. Jidher illi f'dan ir-rigward l-appellanti ma fehemitx

sew is-sentenza appellata peress illi hija semmiet f'din in-nota li giet assenjata mill-ewwel Qorti ghamara li ghadha fid-dar matrimonjali. Bir-rispett kollu s-sentenza appellata ssemmi biss ekwiparazzjoni dovuta mill-appellat lill-appellanti ta' Lm9,084.22,8 liema somma tirraprezenta sehem l-appellanti kif mahduma u kkalkulata dettaljatament mill-perit legali u kkonfermata mill-ewwel Qorti, liema somma l-esponenti huwa lest u pront li jhallas."

23. Ghal dawn il-motivi, u fis-sens premess, tilqa' in parti l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar, 1999 fl-ismijiet premessi b'dan il-mod:
(1) tikkonferma l-provvedimenti li tat l-ewwel Onorabbli Qorti dwar l-ewwel, ir-raba' u s-sitt talba ta' l-attrici, ezattament kif jidher mill-paragrafi 1, 4 u 6 tad-dispozittiv tas-sentenza appellata;

(2) tikkonferma il-hames parafrafu tad-dispozittiv ta' l-istess sentenza appellata, ezattament fejn din cahdet il-hames talba ta' l-attrici;

(3) tirriforma l-provvediment li jinsab fit-tieni paragrafu tad-dispozittiv tas-sentenza appellata, billi fil-mori tal-kawza Charlene u Jeffrey saru maggorenni u mit-tlett ulied, it-tifla Sacha biss ghadha minorenni. Ghalhekk, filwaqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-talba ta' l-attrici in kwantu tikkoncerna lil Charlene u Jeffrey ahwa Muscat, tilqa' l-istess tieni talba ta' l-attrici in kwantu tikkoncerna l-minuri Sacha u ghalhekk tafda l-kura u l-kustodja ta' din it-tifla Sacha lill-attrici. *In oltre* tikkonferma d-dritt moghti fis-sentenza appellata lill-konvenut appellat li jkollu access ghall-istess minuri Sacha, ezattament bil-modalitajiet li jissemmew fit-tieni paragrafu tad-dispozittiv ta' l-istess sentenza appellata, liema modalitajiet qeghdin jigu ikkonfermati minn din il-Qorti;

(4) tirrevoka l-provvediment li s-sentenza appellata ghamlet fit-tieni paragrafu tad-dispozittiv taghha, u minflok, it-tielet talba ta' l-attrici qeghdha tintlaqa'

unikament fil-konfront tal-minuri Sacha. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut appellat sabiex ihallas retta alimentari lill-attrici ghall-minuri Sacha fis-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) fix-xahar, dovuta bil-quddiem fir-residenza ta' l-attrici appellanti, b'effett mid-data ta' din is-sentenza;

(5) fl-ahharnett tordna li l-ispejjez tal-prim istanza ghandhom jitthallsu kif ordnat fis-sentenza appellata u cioe` mill-konvenut, u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jkunu sopportati kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenut appellat u kwantu ghar-rimanenti kwart mill-attrici appellanti.

Deputat Registratur
mg

**APPENDICI**

Kopja tar-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Edgar Depasquale qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------